MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1589/2001/1

**Joseph Spiteri**

**vs**

**Dr Claudine Galea u l-PL Peter Sammut li b'digriet tal-11 t'Ottubru 2001 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Yulia Spiteri Vasilieva**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi ghandha l-ewwel u qabel kollox issir referenza ghad-DIKJARAZZJONI GURAMENTATA ta' l-attur odjern minhabba dettalji sostanzjali u rilevantissimi li qeghdin jinghataw fiha mill-istess attur u jitfghu dawl profond dwar il-fatti u anke l-pretenzjonijiet legali da parti ta' l-attur biex

jiddikjara ossia' jitlob minn din l-Onorabbli Qorti dikjarazzjoni ghall-annullament tal-allegat zwieg tieghu mal-konvenuta Yulia Vladimirovna Vasilieva, li hija ta' nazzjonalita' Russa imma li apparentement otteniet issa anke c-cittadinanza Amerikana.

Illi l-attur qieghed jippermja din il-kawza odjerna fuq **l-Att dwar iz-Zwieg, ossia' Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u partikolarment fuq **artikolu 19** li jittratta dwar nullita' ta' zwieg, **sub-artikolu 1, paragrafi (c), (d), u (f) tal-istess Att dwar iz-Zwieg.**

Illi l-kontendenti allegatament konjugi Spiteri kienu inghaqdu fiz-zwieg (suppost) permezz ta' cerimonja civili (Zwieg Civili) li kienet giet iccelebrata fil-Carolina Hotel (propjeta' tal-familja tal-attur), f'St. Anthony Street, gewwa Bugibba, nhar il-hdax ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (11.12.1995) kif jirrizulta mill-estratt tal-att taz-zwieg taghhom rilaxxat mir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta gewwa Malta u li jgib in-numru tal-iskrizzjoni 2128/1995, liema dokument ufficjali jinsab elenkat ma l-elenku tad-dokumenti u ndikat bhala dokument JS1.

Illi l-konvenuta li hija ta' nazzjonalita' Russa (possibilment ricentement minn mindu ghebet mill-Gzejjer Maltin otteniet ukoll in-nazzjonalita' Amerikana), il-konvenuta li l-isem taghha propju huwa Yulia Vasilieva Vladimirovna twieldet nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (23.05.1992), bint Farber Vladimir Meerovich u Vasilieva Liubov Georgievna skond certifikat tradott middokument originali Russu mir-Russian Cultural Centre f'numru 36, Triq il-Merkanti, gewwa l-Belt Valletta, u elenkat fl-elenku tad-dokumenti bhala dokument JS2.

Illi l-kontendenti allegatament konjugi Spiteri iltaqghu fil-gzejjer Maltin proprju fil-Carolina Hotel, f'St. Anthony Street, gewwa Bugibba, li hija l-propjeta' tal-familja tal-attur, kif jelabora f'aktar dettal missier l-attur li huwa l-*Managing Director* MARIO SPITERI, omm l-attur u ohtu CAROLINA li ghaliha proprju hija msemmija din il-Hotel f'Bugibba, u fejn dawn jelaboraw - *inter alia* - dwar it-twissijiet taghhom biex proprju l-attur ma jidholx f'dan it-

taparsi zwieg mal-konvenuta, li effettivament ghandu l--ingridjenti kollha li huwa annullabbli skond il-Ligijiet ta' Malta (billi f'pajjizi aktar progressivi kieku facilment kien jigi ottenut id-Divorzju!), imma l-attur moghmi bl-infatwazzjoni tal-attrazzjoni fizika waqa' ghas-seduzzjoni tal-konvenuta biex sussegwentement tant issobih meta ra illi l-istess konvenuta attwalment kienet qarqet bih, liema sitwazzjoni fixklet serjament il-hajja mizzewga w allura jinkwadra ruhu tajjeb il-**paragrafu (c) tas-sub-artikolu 1 tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kontendenti allegati konjugi Spiteri bdew johorgu flimkien fl-ewwel zjara tal-konvenuta f'Malta meta din kienet ghadha mizzewga ma Ashot Robertovich Avtandilyan, u fejn bejn l-attur u l-konvenuta nibtet relazzjoni intima, anke skond kif fisser prudentement l-attur fid-Dikjarazzjoni Guramentata tieghu annessa ma din ic-Citazzjoni odjerna.

Illi effettivament ftit wara li l-imsemmija Yulia telqet minn Malta wara l-ewwel mawra taghha f'pajjizna hija ddivorzjat f'ufficju tar-registrazzjoni gewwa Moska lil zewgha, lil dan Ashot Robertovich Avtandilyan, liema divorzju sehh nhar it-tnejn ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (02.06.1995) u gie registrat gewwa Moska nhar it-tnejn ta' Lulju, tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (02.07.1995), bin-numru 1296 taz-zwigijiet li gew xolti f'Moska, skond traduzzjoni awtentika tad-dokument originali bir-russu li giet rilaxxata mir-Russian Cultural Centre fi Triq il-Merkanti, gewwa l-Belt Valletta, u skond kif jindika d-dokument JS3 li qed jigi anness ma l-elenku tad-dokumenti fir-raba' parti ta' din ic-citazzjoni odjerna.

Illi sussegwentement ghall-otteniment ta' dan id-divorzju mill-konvenuta minn zewgha gewwa r-Russja u skond il-Ligijiet Russi, l-konvenuta isseduciet lill-attur bil-mod kif imfisser fid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-istess Citazzjoni odjerna, tant illi dan wassal biex kontra l-parir tal-织 genituri tal-istess attur u anke t'ohtu Carolina u diversi hbieb u parenteli ohra tal-istess attur, l-istess attur ghazel bl-ghamad tal-infatwazzjoni li kellu fuqu u minghajr ma rrealizza li dan ma kienx zwieg, imma ghazel li jidhol

ghac-cerimonja taz-zwieg bir-Rit Civili biss u allegatament inghaqad fiz-zwieg mal-konvenuta, skond ic-certifikat taz-zwieg li hawn esebit fl-elenku tad-dokumenti f'din ic-citazzjoni odjerna.

Illi effettivament din ir-relazzjoni ta' dan l-allegat zwieg damet biss ghal ftit xhur billi kif imfisser fid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-istess attur ma din ic-citazzjoni odjerna, eventwalment il-konvenuta ghebet minn Malta, allegatament biex tmur tara lil missierha gewwa l-Istati Uniti ta' l-Amerika, minn fejn hija ma rritornat qatt aktar, u fejn anke l-istess attur ghandu suspetti li *nel frattemp* hija otteniet ic-cittadinanza Amerikana w anke forsi ddivorzjat u inghaqdet fiz-zwieg ma xi haddiehor, u f'dawn ic-cirkostanzi w a bazi ta' dawn il-premessi l-attur kien kostrett stante l-falliment tal-legislatura maltija li ma taghmilx id-divorzju possibbli ghac-cittadini maltin imma taccetta divorzju tal-legislazzjonijiet ohra, fic-cirkostanzi l-attur kien kostrett li jintavola din ic-citazzjoni odjerna.

Illi mir-relazzjonijiet intimi tal-konjugi Spiteri ma kien hemm l-ebda tfal u premess ukoll illi l-konvenuta qatt ma rritornat lura Malta wara li telqet minn dawn il-gzejjer aktar minn hames snin ilu skond kif imfisser fid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-istess attur ma din ic-citazzjoni odjerna.

Illi stante li l-konvenuta hija assenti minn dawn il-gzejjer maltin, kien hemm il-htiega li ssir talba biex jigu nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta mill-Gzejjer Maltin, u premess ukoll li fic-cirkostanzi hemm logika w utilita' li din il-kawza tinstemgha u tigi deciza b'urgenza.

Illi premess dan kollu, l-attur talab li l-konvenuta tghid kif rapprezentata mill-Kuraturi Deputati li gew nominati biex jirrapprezentawha fl-assenza taghha mill-Gzejjer Maltin, u wara li l-istess kuraturi Deputati inghataw u gew forniti bl-ahhar zewg indirizzi estraneji ossia' gewwa Moska u gewwa Giorgia fl-Istati Uniti tal-Amerika, li l-attur safejn jaf hu setghet tirrisjedi meta halliet Malta, jghidu l-istess kuraturi Deputati nomine ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m'ghandiex tifli, tevalwa, taqa', tiddeciedi u tordna illi:

(1) l-allegat zwieg li sehh bejn il-kontendenti allegatament SPITERI nhar it-Tnejn, hdax ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (11.12.1995), bir-rit taz-Zwieg Civili biss skond il-Ligijiet ta' Malta, fil-Carolina Hotel, f'St. Anthony Street, gewwa Bugibba, bejn l-attur u l-konvenuta huwa annullabbli, huwa null, invalidu w ineffettiv skond il-Ligijiet ta' Malta;

(2) dan l-allegat zwieg bejn il-kontendenti konjugi Spiteri huwa null peress illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga: paragrafu **(c) tas-sub-artikolu 1, tal-artikolu 19, tal--Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

(3) dan l-allegat zwieg bejn il-kontendenti allegati konjugi Spiteri huwa null peress illi l-kunens ta' xi wahda millpartijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg**: paragrafu (d) tas-subartikolu 1, tal-artikolu 19;**

(4) dan l-allegat zwieg bejn il-kontendenti allegati konjugi Spiteri huwa null peress illi l-kunsens ta' xi wahda millpartijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg: **paragrafu (f) tas-sub-artikolu 1, tal-artikolu 19;**

(5) dan l-allegat zwieg bejn il-kontendenti allegati konjugi huwa legalment null, invalidu jew ineffettiv fid-dawl talkontenut tas-**sub-artikolu 1 tal-artikolu 19, tal-Kapitolu 255** tal-Ligijiet ta' Malta, u partikolarment fid-dawl ta' talbiet precedenti kif hawn suesposti f'din ic-citazzjoni odjerna;

(6) dan l-allegat zwieg bejn il-kontendenti allegati konjugi Spiteri ghandu jigi dikjarat null, invalidu w ineffettiv skond il-Ligi ghar-ragunijiet kif imputabbli minn din l-

Onorabbli Qorti lil konvenuta kif rapprezentata jew lill-konvenuta personalment, jew lill-attur jew lill-allegati konjugi t-tnejn li huma skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li tiddeciedi fis-sentenza taghha;

(7) Illi d-Direttur taz-Zwigijiet jew tar-Registru Pubbliku ta' Malta, jew l-awtorita' kompetenti ghal dan il-ghan, ghandu jigi ordnat biex jaghmel dawk il-proceduri kollha mehtiega halli dan l-allegat zwieg jigi rregistrat bhala null, invalidu u ineffettiv skond il-Ligi u kull parti mill-kontendenti tkun hielsa biex tirregola l- i*status* tal-hajja civili u privata taghha kif tixtieq hi qisha effettivament qatt ma tkun dahlet f'dan l-allegat zwieg odjern skond id-dettalji tieghu li jirrizultaw mill-provi u fil-mori ta' din il-kawza;

(8) ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha mehtiega fic-cirkostanzi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna li bazi tat-talbiet tal-attur kif hawn fuq suesposti, b'mod illi dawn il-proceduri kontenzjuzi quddiem din il-Qorti bl-ebda mod ma jigu mpeduti milli jkunu jistghu jitkomplew sad-decizzjoni finali.

(9) l-attur m'ghandu jbati ebda forma ta' spejjez anke firrigward tal-kontumacja tal-istess konvenuta ghajr ghal dawk l-ispejjez mehtiega b'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra pendenti lill-attur biex jipprotegi d-drittijiet spettanti lilu skond il-Ligi ghal kull azzjoni li direttament jew indirettament tista' tkun konnessa ma dan l-allegat zwieg tieghu mal-konvenuta.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji, inkluz dawk ta' kwalsiasi att li kien legalment mehtieg jew li sar fir-rigward ta' konnessjoni diretta jew indiretta mal-mertu ta' din ic-citazzjoni odjerna, kontra l-konvenuta jew il-kuraturi deputati mahtura biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta, li minn issa sia' (konvenuta kif ukoll il-kuraturi deputati nomine jigu ngunti INSUBIZZJONI.

B'rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur skond il-Ligi ghas-salvagwardat tad-drittijiet kollha tieghu rizultanti minn dawn il-proceduri odjerni u kwalsiasi att

direttament jew indirettament konness mal-mertu taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 10 sa 33 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta’ Ottubru 2001 (fol 83) fejn gew nominati Dr Claudine Galea u l-PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuta fl-atti tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tat-12 ta’ Marzu 2002 a fol 88 u 89 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccepjenti gew notifikati bic-Citazzjoni odjerna f’jum it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2002.

2. Illi Dr Claudine A Galea immedjatament ghamlet kuntatt ma' Dr Emmy D Bezzina biex iforniha b'indirizz ta' kuntatt ma' l-assenti Yulia Spiteri Vasilieva, u skond id-dettalji li jirrizultaw mill-korp tac-Citazzjoni odjerna.

3. Illi jidher li l-konvenuta Yulia Spiteri Vasilieva ilha ma tikkommunika ma' l-attur ghal iktar minn hames (5) snin, billi tghix x'imkien barra minn Malta, fir-Russia jew fl-Istati Uniti, u dan ghajr ghal telefonata qasira li hija ghamlet lill-attur nhar is-17 ta' Novembru, 2001, fil-17:15hrs. Illi din it-telefonata damet biss ftit minuti.

4. Illi jidher ukoll li l-konvenuta illum hija mara iddivorzjata.

5. Illi biex il-Kuraturi Deputati jkollhom aktar certezza fuq il-fatti bazici, Dr Claudine A Galea kitbet lill-konvenuta fiz-zewg indirizzi fornuta lilha minn Dr Emmy D Bezzina, a bazi tad-dokumenti esebiti mill-attur fic-Citazzjoni tieghu.

6. Illi dawn l-ittri intbaghtu b'pustagg specjalment irregistrat f’jum it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2002 u kopji ta' l-ircevuti postali qed jigu esebiti man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet odjerna.

7. Illi aktar minn hekk, f'dan l-istadju l-eccepjenti m'ghandhomx aktar taghrif ghajr ghal dak li jirrizulta mill-korp tac-Citazzjoni sa dan l-istadju.

8. Illi ghall-ispejjez, l-eccepjenti ser jirregolaw dawn skond il-proceduri vigenti li tirrigwarda l-Kuraturi Deputati.

9. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 90 sa 96 tal-process;

Rat il-verbali tat-23 ta' April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-partijiet ta' 50 jum kull wiehed.

Rat in-nota ta' Joseph Spiteri tat-2 ta' Settembru 2002 fejn permezz taghha esebixxa tlett affidavits.

Rat ir-rikorsi tal-Kuraturi Deputati tat-8 t'Ottubru 2002, u tal-attur li jgib l-istess data u d-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbal tad-9 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-attur jirregola ruhu dwar it-talbiet tieghu u l-Kuratur Deputat infurmat lill-Qorti li nonostante t-tentattivi taghha l-assenti ma kkominikatx lura maghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota tal-attur tat-18 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha rtira t-tieni, t-tielet, ir-raba', s-sitt, it-tmien u d-disa' talbiet fic-citazzjoni attrici u zamm ferm fuq l-ewwel, il-hames u s-seba' talbiet attrici, u talab li tinghata sentenza fuq dawn l-istess talbiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur l-ewwel jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa importanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the*

*real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova"** (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata,

element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi l-attur isostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew

ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar prmessa tal-attur bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza “**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**” minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza “**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**” (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan iz-zwieg mal-konvenuta assenti ‘n verita’ ma kien zwieg xejn izda kien

zwieg ta’ konvenjenza u dan da parte tal-konvenuta stante li l-unika raguni li din izzewget l-attur kien biss sabiex tramite z-zwieg taghha f’Malta, hija tkun tista’ takkwista’ l-*visa* sabiex tmur fl-Istati Uniti. Dan kollu huwa manifestat mill-fatt li sakem l-istess konvenuta zzewget lill-attur kienet turih mod u hafna karezzi, izda wara li hija akkwistat l-iskop taghha u b’hekk zzewgitu, l-ghan taghha proprju hareg car billi hija bdiet tissikka sabiex tmur l-Amerika u tmur tara lill-missierha; fil-fatt hekk gara u ghalkemm l-attur ma kellux oggezjoni li tmur l-Amerika sabiex tara lill-missierha, qatt ma basar li kienet ser tibqa’ hemm, taqta’ kull kuntatt mieghu, hlief sabiex takkwista divorzju, haga li prezumibilment ghamlet fl-Istati Uniti.

Illi min-naha tieghu l-attur tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kif minnu stess irrakkontati, lanqas biss kellu ideja x’inhu l-veru zwieg, u dan ma huwiex kaz biss ta’ nuqqas ta’ maturita’, izda kawza ta’ infatwazzjoni serja tieghu fuq il-konvenuta, li ghamilha mpossibbli ghalih li jkollu kunsens validu ghaz-zwieg, anke fil-mument tac-celebrazzjoni tieghu. Dan ghaliex kien jidher car mill-ewwel li l-attrici ma kellha l-ebda intenzjoni li tghix u tassumi r-responsabilitajiet ta’ mara ta’ familja, tant li ezattament wara z-zwieg, l-attrici bdiet tohrog wahedha u jidher li kellha fissazzjoni wahda u unika u cjoe’ li tmur lejn l-Istati Uniti u tramite z-zwieg taghha lil Malti hija tkun tista’ takkwista l-*visa* sabiex tmur fl-istess kontinent.

Illi hawn pero’ jinghad li fil-kaz ta’ l-attur il-kunsens tieghu kien ukol vizjat stante li qabel l-istess zwieg l-istess konvenuta laghbet il-parti li hija verament kienet migduba lejn l-attur, u kienet taghmel dak kollu possibbli sabiex tigbed lill-attur lejha, li wassal lill-attur, anke kif kien affetwat biha, li jemmen lill-konvenuta li verament kienet thobbu u li riedet relazzjoni dejjiema mieghu; u hawn huwa l-ingann tal-konvenuta, ghaliex dan sar minnha biss bhala messa in xena sabiex l-attur jasal biex jaccetta u jizzewwigha; malli sar dan iz-zwieg, fi kliem l-attur innifsu, l-konvenuta tbiddlet minn lejn ghal nhar, u deher car u ovvju li l-unika konsiderazzjoni li hija kienet hadet kien biss li hija takkwista din l-imbierka *visa* sabiex tmur l-Amerika, tant li kif din giet akkwistata minnha, hija mill-

ewwel siefret biex qatt izjed ma giet lura u kkomunikat biss mal-attur sabiex tottjeni d-divorzju minghandu, u minn hawn iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li dan iz-zwieg kien biss wiehed ta' konvenjenza.

Illi f'dan ir-rigward, issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Jannar 1998) u cioe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament.*

Illi fi kliem il-gurista ***Castano*:-**

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon*

*sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni posittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua"** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, u f'dan il-kaz sabiex il-konvenuta jkun iktar faccli ghaliha li bhala Maltija takkwista l-*visa* lejn l-Istati Uniti, dak il-kunsens ikun

simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi b’riferenza ghat-talba ghall annulament taz-zwieg li jaqa’ taht id-diposizzjoni tal-**artikolu 19 (f) tal-Kap 255,** jirrizulta mill-provi prodotti li l-konvenuta qatt ma kellha ntenzjonijiet serji dwar l-istess zwieg tant li l-unika konsiderazzjoni taghha kienet biss li tivvantagga ruhha mill-attur sabiex jizzewigha u tghix hawn sakemm takkwista l-*visa* lejn l-Amerika u ma kellha l-ebda intenzjoni f’mohha li tghix u jkolla familja mal-attur u ghalhekk ittiehdet ukoll din id-decizjoni minn din il-Qorti.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati ‘nkwantu l-istess huma nkompattibbli ma’ dak hawn premess u deciz, u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet, ir-raba’, s-sitt, it-tmien, u d-disa’ talbiet attrici, stante c-cessjoni taghhom permezz ta’ nota attrici datata 18 ta’ Novembru 2002, **tilqa’ l-ewwel, il-hames u s-seba’ talbiet attrici** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-allegat zwieg li sehh bejn il-kontendenti allegatament SPITERI nhar it-Tnejn, hdax ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (11.12.1995), bir-rit taz-Zwieg Civili biss skond il-Ligijiet ta' Malta, fil-Carolina Hotel, f'St. Anthony Street, gewwa Bugibba, bejn l-attur u l-konvenuta huwa null, invalidu w ineffettiv skond il-Ligijiet ta' Malta u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

(5) Tiddikjara u tiddeciedi li dan l-allegat zwieg bejn il-kontendenti allegati konjugi huwa legalment null, invalidu jew ineffettiv fid-dawl tal-kontenut tas-**sub-artikolu 1 tal-artikolu 19 (1) (c) (d) u (f), tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u partikolarment fid-dawl ta' talba precedenti kif hawn suesposti f'din ic-citazzjoni odjerna;

(7) Tordna li r-Registratur tar-Registru Pubbliku ta' Malta, jew l-awtorita' kompetenti ghal dan il-ghan, jirregistra li dan l-allegat zwieg jigi rregistrat bhala null, invalidu w ineffettiv skond il-Ligi u dan in forza ta' din is-sentenza b'dan li kull parti mill-kontendenti tkun hielsa biex tirregola l-i*status* tal-hajja civili u privata taghha kif tixtieq hi qisha effettivament qatt ma tkun dahlet f'dan l-allegat zwieg odjern skond id-dettalji tieghu li jirrizultaw mill-provi u fil-mori ta' din il-kawza u minn din is-sentenza kollox skond l-effetti ta' din id-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg u skond il-ligi Maltija.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta assenti, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------